# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 477**

**Il-Ħamis 8 ta' Mejju, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.40 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Mark Grech – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Bonnici – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Ħadd ma kien assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ippresieda l-laqgħa.

**477.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

477.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

477.1.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi s-Sur Domenic Agius kien irriżenja mill-kariga ta' Viċi-Sindku u mill-kariga ta' Kunsillier.

477.1.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi s-Sur Joseph Agius (is-Sway) kien irriżenja mill-kariga ta' Kunsillier u mill-Kumitat Amministrattiv St Peter.

**477.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

477.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-paragrafu 475.4.7 u minflok il-kliem 'Is-Sur Agius talab sabiex il-bankijiet li hemm f' Misraħ San Ġakbu jsiru tal-ħadid sabiex ma jiġux vandalizzati', jidħol il-kliem 'ls-Sur Agius qal illi l-bankijiet tal-injam li hemm f'Misraħ San Ġakbu kienu qed jiġu vandalizzati u għalhekk talab biex kull meta jiġi vandalizzat xi bank tal-injam minflok jissewwa isir bank tal-ħadid'.

477.2.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-paragrafu 475.4.8 u minflok 'issir mera fi Triq Felice ma' Triq il-Kunvent' jidħol il-kliem 'tiġi rranġata l-mera li hemm fi Triq il-Kunvent ma' Triq Feliċe għax kienet imdawwra'.

477.2.3 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-paragrafu 475.4.9 u minflok il-kliem 'parti minn Triq is-Santwarju peress illi kienet niżlet it-triq u kien hemm xi ħofor' jidħol il-kliem 'ħofra fi Triq is-Santwarju'.

477.2.4 Il-minuti tal-475 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace.

477.2.5 Il-minuti tal-476 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace.

**477.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

477.3.1 Is-Sindku qal illi kien irċieva talba mingħand l-Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel sabiex il-Kunsill jipprovdi *skip* f'Misraħ is-Sliem, fil-*parking*

*spaces* ta' mal-ġenb tal-pjazza sabiex jintrema skart miż-żewġ barijiet. Is-Sindku qal illi jaqbel mal-prinċipju li jsir *skip* iżda ma jaqbilx illi jkun f'*parking bay*.

477.3.2 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-attività li ser issir fit-12 ta' Mejju, 2017 biex jingħata appoġġ lil min ibgħati minn ME CFS Fibromyalgia. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li fit-12 ta' Mejju jinxtegħlu bozoz vjola u blu mal-Mina ta' Hompesch.

477.3.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareg sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex jinxtara mutur tal-ħart.

477.3.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet għal xiri ta' *CCTV cameras* fil-bini tal-Kunsill.

477.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-attività *Zabbar Autofest* li kellha ssir fis-6 ta' Mejju flimkien mal-Kummissjoni Żgħażagħ fi ħdan is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ kienet tħassret minħabba li sar il-*mass meeting* tal-PL fl-istess ġurnata. Is-Sindku qal illi l-attività *Zabbar Autofest* kienet ser issir ġurnata oħra.

477.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi matul il-*mass meeting* tal-PL il-permessi għal tqegħid tal-gabbani u posti nħarġu biss fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa.

477.3.7 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienux ser jingħataw permessi għal tqegħid ta' gabbani u posti fi Triq is-Santwarju u l-madwar f'każ li jsir *mass meeting* tal-PN. Is-Sindku qal illi ma kienx ser jingħata permess għal tqegħid ta' gabbani u posti li jbiegħu l-ikel minħabba r-residenti.

477.3.8 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienux ser jinħarġu permessi għal tqegħid ta' gabbani u posti fi Triq is-Santwarju u l-madwar sabiex jinbigħ ix-xorb f'każ li jsir *mass meeting* tal-PN. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

477.3.9 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex isir fann fil-*waiting area* tal-Kunsill minħabba s-sħana tas-Sajf.

477.3.10 Is-Sindku qal illi kien ordna *mobile toilets* sabiex jitpoġġew fi Ġnien il-Kunsill sakemm jitlesta x-xogħol tal-latrini fil-bandli.

477.3.11 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ *default notice* lil *Road Maintenance Services Limited,* li huwa l-kuntrattur responsabbli mix-xogħol tal-latrini fi Ġnien il-Kunsill, peress illi x-xogħol tal-latrini għadu ma tlestiex skont id-data stipulata fil-kuntratt.

477.3.12 Is-Sindku qal illi kien ordna s-servizz ta' żewġ pulizija fi Ġnien il-Kunsill matul il-*mass meeting* tal-PL minħabba sigurtà fil-bandli peress illi kien hemm problema fis-sistema tac-*CCTV*.

477.3.13 Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi fil-bandli kien qed ikun hemm tfal bir-roti u bil-klieb. Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn ta' iktar fjuri u l-bżonn ta' tisqija iktar ta' spiss fi Ġnien il-Kunsill.

477.3.14 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-*Cleansing Department* kien waħħal *bins* ġodda fi Ġnien il-Kunsill u talab sabiex tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lill-*Cleansing Department* għal din l-għotja.

**477.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

477.4.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jiddiskutu *item* 477.5 Ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv.

**477.5 Ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv**

477.5.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-*Interviewing Board* dwar l-intervista li saret lill-applikanti għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li l-Agent Segretarju Eżekuttiv kien talab sabiex ma jipparteċipax fl-*interview* għall-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv peress illi kellu kunflitt ta' interess minħabba li l-applikant kien jiġi ħuh. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li s-Sur Brian Busuttil kien addattat għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi mpjegat is-Sur Brian Busuttil mal-Kunsill bħala Segretarju Eżekuttiv.

477.5.2 Fis-7.10 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Vella talab li jkun skużat.

477.5.3 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill irċiviex risposta minn Transport Malta dwar it-talba biex issir *road hump* fi Triq iż-Żinġla. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

477.5.4 Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi kienet attendiet għaċ-ċerimonja għall-preżentazzjoni taċ-ċertifikati t'attendenza lill-parteċipanti tal-kors Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar. Is-Sinjura Calleja qalet illi kienet kuntenta ħafna li Ħaż-Żabbar kellu l-iktar numru ta' parteċipanti speċjalment għall-fatt li kienet hi li pproponiet li jsir dan il-kors. Is-Sinjura Calleja qalet ukoll illi meta jkun meħtieġ jittieħed vot, hi tivvota fl-aħjar interess tal-Kunsill u tal-komunità u mingħajr kulur politiku.

477.5.5 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-bżonn li jsir *refresh* tal-*hatching lines* li hemm fi Triq Bajada ma' Triq tal-Labour. Is-Sur Buttigieg talab ukoll sabiex isiru xi sinjali oħra biex ma jsirx ipparkjar ta' vetturi fil-kantuniera ta' Triq Bajada ma' Triq tal-Labour peress illi kienu qed jipparkjaw il-vetturi u joħolqu periklu għas-

sewwieqa. Is-Sur Mark Grech qal illi l-periklu kien qed jinħoloq meta l-vetturi kienu qed jipparkjaw ‘il barra mill-bankina.

477.5.6 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienux twaħħlu t-tabelli tal-*loading* u *unloading bays*. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

477.5.7 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa’ semma l-ħtieġa li jsiru iktar bankijiet għall-anzjani fi Ġnien il-Kunsill u talab sabiex issir *net* mat-tinda li hemm sabiex jiżdied iktar dell minħabba s-sħana tax-xemx speċjalment fix-xhur tas-sajf.

477.5.8 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-ħarġa tal-anzjani għax-xahar ta’ Mejju kienet tħassret minħabba l-attivitajiet relatati mal-elezzjoni ġenerali. Is-Sur Buttigieg qal illi fl-4 ta’ Lulju kien ser jorganizza ħarġa għall-anzjani f’Għawdex. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi t-trasport minn Ħaż-Żabbar saċ-Ċirkewwa.

477.5.9 Fis-7.15 ta’ filgħaxija s-Sur Joseph Bonnici talab li jkun skużat.

477.5.10 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex il-Kunsill jitlob lil Transport Malta jneħħu l-arloġġ li hemm fil-ex-venda ta’ Ħaż-Żabbar peress illi l-arloġġ ilu żmien twil ma jaħdimx.

477.5.11 Is-Sur Brian Spiteri qal illi l-funtana li hemm f’Misraħ San Ġakbu ma kinitx qed taħdem.

477.5.12 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex tiġi rranġata l-funtana ta’ Misraħ tal-Madonna Medjatriċi peress illi kienet qed titlef l-ilma.

477.5.13 Is-Sur John J Pace ssuġġerixxa li jkun hemm nies responabbli mit-tindif u l-manutenzjoni tal-funtani u talab sabiex il-Kunsill jiddiskuti flimkien mal-każini tal-baned l-aħjar mod sabiex jiġi assigurat li ssir manutenzjoni regolari u jinżammu fi stat tajjeb il-funtani ta’ Misraħ is-Sliem u Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

477.5.14 Is-Sur Joseph Agius reġa’ talab li l-Kunsill jitlob lil Transport Malta sabiex jitwaħħal *Digital Board* bil-*GPS* fil-lokalità ta’ Ħaż-Żabbar li jindika fi xħin tkun ġejja l-karozza tal-linja.

477.5.15 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill talba li saret mill-impjegati tal-Kunsill sabiex jitħallsu *qualification allowance* peress illi meta ġew impjegati mal-Kunsill kellhom iktar kwalifiki milli kien mitlub mill-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjura Maria Livori u s-Sinjorina Charlene Saliba jitħallsu *qualification allowance.*

477.5.16 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex ~~jitwaħħal~~ jissaqqaf il-*bus shelter* fi Triq Villabate faċċata ta' Tal-Plier biex in-nies ikunu jistgħu jistkennu mix-xemx u mill-ilma tax-xita. (Emendat)

477.5.17 Is-Sur Joseph Agius qal illi l-ġbir tal-ħġieġ li jinġabar fl-ewwel ġimgħa tax-xahar ma kienx inġabar minn Triq ix-Xgħajra kantuniera ma' Triq is-Santwarju.

477.5.18 Is-Sindku qal illi l-kumpanija *Greenpak* kienet talbet lill-Kunsill jiċċirkola *leaflet* sabiex jinforma lir-residenti li jekk jitqiegħdu ħġieġ f'kaxxi tal-kartun, il-kaxxa titħalla wara l-bieb sabiex terġa' tintuża, filwaqt li jekk jitqiegħdu ħġieġ fil-basktijiet tal-karti, l-basket jinġabar sabiex jiġi reċiklat. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jiġu stampati l-*leaflets* u jitqassmu f'kull dar.

477.5.19 Is-Sindku ressaq talba mibgħuta mill-kumpanija *TCTC* sabiex jiġi organizzat kors tal-kompjuter matul ix-xhur tas-Sajf il-bini tal-Kunsill għall-ħlas ta' madwar €1000. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax it-talba tat-*TCTC.*

477.5.20 Is-Sindku ressaq talba li kien irċieva mill-Kunsill taż-Żgħażagħ sabiex il-Kunsill jipprovdi kamra sabiex isservi bħala *Youth Hub*. Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa sabiex il-Kunsill jitlob li jagħmel użu mill-kantina li kienet tintuża min-Nisa Għaqda Soċjalisti. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet u jitlob devoluzzjoni tal-kamra li bħalissa qed tintuża mid-Dipartiment tal-Agrikoltura. Is-Sur Mark Grech talab sabiex il-Kunsill jitlob lill-Kappillan sabiex il-Kunsill taż-Żgħażagħ jagħmlu użu mill-kamra li kienet tintuża miż-Żgħażagħ Azzjoni Kattolika.

## 477.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

477.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 7 t'April, 2017 sat-8 ta' Mejju, 2017 li kien jammonta għal €22,616.64. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

477.6.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash* għax-xahar ta' Marzu li kien jammonta għal €22.81.

477.6.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash* għax-xahar t'April li kien jammonta għal €31.00.

477.6.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sur Mark Grech kif ukoll is-Sur Joseph Agius kienu ser imorru għal Eschenfest il-Ġermanja f'Mejju li ġej.

## 477.7 Mozzjonijiet

477.7.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

## 477.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

477.8.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7.40 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 12 ta' Ġunju, 2017.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-478 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 12 ta' Ġunju, 2017.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku